MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 166/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Norbert Borg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Norbert Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 395970(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 t' April 2007 jew fil-jiem ta' qabel,

a. irrenda ruhhek komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;
Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjon u stante li l-fedina penali tal-istess hija wahda kwazi netta u stante li l-Qorti hi sodisfatta illi l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Norbert Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------